Nru. 18,091
Prezz/Price
Lm1.12 (€2.61)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 19 ta' Ġunju, 2007
Tuesday, 19th June, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 575

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,087 u 18,089 tat-12 u l-15 ta' Ġunju, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 153 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. IV ta' l-2007); Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm15,000,000 5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (It-Tielet Ħruġ) (*Fungibility Issue)*.

A.L. Nru. 154 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. IV ta' l-2007); Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm15,000,000 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (It-Tieni Ħruġ) (*Fungibility Issue)*.

A.L. Nru. 155 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. IV ta' l-2007); Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm10,000,000 5.2% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (L-Ewwel Ħruġ).

A.L. Nru. 156 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss.

A.L. Nru. 157 ta' l-2007: Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Regolamenti ta' l-2007 li Jestendu l-Applikabilità ta' Disposizzjonijiet dwar Kuntratti ta' Servizz għal Terminu ta' Żmien Fiss għal Servizz mal-Gvern.

GOVERNMENT NOTICES

No. 575

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,087 and 18,089 of the 12th and the 15th June, 2007 respectively.

L.N. No. 153 of 2007: Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. IV of 2007); Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of Lm15,000,000 5.7% Malta Government Stock 2012 (Third Issue) (Fungibility Issue).

L.N. No. 154 of 2007: Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. IV of 2007); Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of Lm15,000,000 5.9% Malta Government Stock 2015 (Second Issue) (Fungibility Issue).

L.N. No. 155 of 2007: Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. IV of 2007); Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the Issue of Lm10,000,000 5.2% Malta Government Stock 2020 (First Issue).

L.N. No. 156 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Notice of coming into force of the Contracts of Service for a Fixed Term Regulations, 2007.

L.N. No. 157 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Extension of Applicability to Service with Government (Contracts of Service for a Fixed Term) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 158 ta' l-2007: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Ordni ta' l-2007 dwar il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni tat-Taxxa Doppja in konnessjoni ma' l-Aġġustament tal-Qligħ ta' Intrapriżi Assoċjati.

L.N. No. 158 of 2007: Income Tax Act (Cap. 123); Convention on the elimination of double taxation in connection with the adjustment of profits of associated enterprises Order, 2007.

A.L. Nru. 159 ta' l-2007: Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni mhux Residenti (Kap. 246); Ordni ta' l-2007 dwar Żona Fort Cambridge, Tignè bħala Żona Speċjali Msemmija.

L.N. No. 159 of 2007: Immovable Property (Acquisition by Non-Residents) Act (Cap. 246); Fort Cambridge Zone, Tignè (Designated Special Area) Order, 2007.

A.L. Nru. 160 ta' l-2007: Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap. 490); Avviż ta' dħul fis-seħħ.

L.N. No. 160 of 2007: Administrative Justice Act (Cap. 490); Commencement notice.

A.L. Nru. 161 ta' l-2007: Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm4,438,400 *Stock* tal-Gvern bis-7%, 2017 (II).

L.N. No. 161 of 2007: Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the issue of Lm4,438,400 7% Malta Government Stock 2017 (II).

A.L. Nru. 162 ta' l-2007: Att ta' l-2007 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Att Nru. III ta' l-2007); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

L.N. No. 162 of 2007: Code of Police Laws (Amendment) Act, 2007 (Act No. III of 2007); Notice of coming into force.

A.L. Nru. 163 ta' l-2007: *Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances (Notification) (Amendment) Regulations, 2007.*

L.N. No. 163 of 2007: Product Safety Act (Cap. 427); Dangerous Substances (Notification) (Amendment) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 164 ta' l-2007: Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjegati *Part-Time*.

L.N. No. 164 of 2007: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Notice of coming into force of the Part-Time Employees (Amendment) Regulations, 2007.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

19th June, 2007

Nru. 576

No. 576

AKKWIST TA' ART

ACQUISITION OF LAND

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

19th June, 2007

(File No. L139/74/I for 1A)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali datata s-27 ta' Ġunju, 1974 u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Lulju, 1974 taħt in-Notifikazzjoni Nru. 482, il-Gvernatur Ġenerali kien iddikjara illi biċċa art tal-kejl ta' 24 Tomna, 4 Sigħan u 3.8 Kejliet (27,801.8 metri kwadri) li tinkludi razzett u garaxx, li tmiss mit-Tramuntana ma' Triq Troubridge, mil-Lvant in parti ma' proprjetà tas-Sinjorina Concetta Mifsud u in

Whereas by the Declaration of the Governor General dated 27th June, 1974 and published in the Government Gazette of the 5th July, 1974 under Notice No. 482, the Governor General had declared that a plot of land of the area of 24 Tomna, 4 Sigħan and 3.8 Kejliet (27,801.8 square metres) including a farm and a garage, bounded on the North by Triq Troubridge, on the East partly by property of Ms Concetta Mifsud and

parti ma' proprjetà tas-Sur Emanuel Mifsud, mix-Xlokk ma' proprjetà tad-Ditta Roger Camilleri Ltd, u mill-Punent ma' Triq it-Tromba, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar ħekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Marsa:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 8,171 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sinjura Evelyn Montebello.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu bħala *plot* numru 1 fuq il-pjanta L.D. 120/74/3, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

It-13 ta' Ġunju, 2007

partly by property of Mr Emanuel Mifsud, on the South East by property of Messrs Roger Camilleri Ltd, and on the West by Triq it-Tromba, the undermentioned land is required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Marsa:

1. A plot of land of the area of about 8,171 square metres, bounded on the North by a public road and on the West and South by property of Mrs Evelyn Montebello.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue and as plot number 1 on plan L.D. 120/74/3, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

13th June, 2007

Nru. 577

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skond l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Id-19 ta' Ġunju, 2007
(File No. L1250/63)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fiż-Żejtun:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 52 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq fid-Daħla ta' San Tumas u hija rreġistrata

No. 577

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

19th June, 2007

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Żejtun:–

1. A plot of land of the area of about 52 square metres, bounded on the North West and South West by Government property and on the South East by Triq id-Daħla ta' San

fir-*Records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. 79748 liema *tenement* kien jifforma parti mit-*tenement* Nru. 50748.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2007_256 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) Edward Fenech Adami
President

It-13 ta' Ġunju, 2007

Tumas and is registered in the Government Records as tenement No. 79748 which tenement formed part of tenement No. 50748.

The abovementioned land is shown marked in blue on plan marked P.D. 2007_256 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Edward Fenech Adami
President

13th June, 2007

No. 578

KUMITAT TAL-KLIJENTI TA' L-AJRUPORT

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kumitat tal-Klijenti ta' l-Ajruport huwa kompost kif ġej:-

Chairman:
Il-Kapt. George GE Kissaun

Membri:
Is-Sur Anthony Gatt
Is-Sur Francis Agius
L-Inġ Emanuel Briffa
Is-Supt. Neville Xuereb
Il-Kapt. Robert Bonnici
Is-Sur James Stagno Navarra
Is-Sur John Cooper
Is-Sur Mario Bugeja
Is-Sur Mario Cassar
Is-Sur Gordon Ransley

Membri li Jalternaw:
Is-Sur Charles Caruana Triccas
Is-Sur John Attard
Is-Sur Patrick Cuschieri
Is-Sur Anthony Mizzi
Ms Sandra La rosa
Is-Sur John Attard Kingswell
Is-Sur Jason Agius
Ms Mona Farrugia

Segretarju:
Is-Sur Joe Chetcuti

Il-ħatriet huma b'seħħ mit-28 ta' Settembru 2006 għall-perijodu ta' sentejn.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

Nru. 578

AIRPORT CUSTOMERS COMMITTEE

IT is notified for general information that the Airport Customers Committee is composed as follows:-

Chairman:
Capt. George GE Kissaun

Members:
Mr Anthony Gatt
Mr Francis Agius
Ing. Emanuel Briffa
Supt. Neville Xuereb
Capt. Robert Bonnici
Mr James Stagno Navarra
Mr John Cooper
Mr Mario Bugeja
Mr Mario Cassar
Mr Gordon Ransley

Alternate Members:
Mr Charles Caruana Triccas
Mr John Attard
Mr Patrick Cuschieri
Mr Anthony Mizzi
Ms Sandra La rosa
Mr John Attard Kingswell
Mr Jason Agius
Ms Mona Farrugia

Secretary:
Mr Joe Chetcuti

The appointments are with effect from 28th September 2006 for a period of two years.

19th June, 2007

Nru. 579

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U XOGĦOL

Bord ta' Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija

NGĦARRFU għal informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, bis-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) u għall-finijiet ta' dak l-Att, ħatar lil Ms Daisy Decelis bħala Membru fuq il-Bord ta' l-Amministrazzjoni tal-Fond ta' Garanzija. Din il-ħatra hija b'seħħ mis-27 ta' Marzu, 2006.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

No. 579

MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT

Guarantee Fund Administration Board

IT is hereby notified for general information that the Minister of Education, Youth and Employmnet, in exercise of the powers conferred by section 21 of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452), and for the purpose of that Act, has appointed Ms Daisy Decelis as a Member on the Guarantee Fund Administration Board for a period of three years with effect from 27th March 2006.

19th June, 2007

Nru. 580

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħadd, l-1 ta' Lulju 2007, il-Ġonna ta' l-Argotti fil-Furjana, ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll tal-Inflation Media Productions Ltd.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

No. 580

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Argotti Gardens, Floriana

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Ministry for Rural Affairs and the Environment has approved that on Sunday, 1st July 2007, Argotti Gardens will be closed to the general public and will be under the control of the Inflation Media Productions Ltd.

19th June, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 55

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Kirkop

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Lulju 2007 mid-9.30 a.m. sas-1.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, Salvu Sacco, Santu Rokku, Misraħ Ħal Kirkop sa quddiem il-Knisja.

Nhar l-Erbgħa, l-4 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, Danny Cremona, Ġużé Cristoforo, San Pietru, Nardu Ellul, Ta' l-Iblieq, Karlu Darmanin, San Remiġ, il-Fieres, San Ġużepp, San Benedittu u Misraħ Ħal Kirkop.

POLICE NOTICE

No. 55

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Kirkop

On Sunday, 1st July 2007 from 9.30 a.m. to 1.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, Salvu Sacco, Santu Rokku, Misraħ Ħal Kirkop to infront of Church.

On Wednesday, 4th July 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, San Leonardu, il-Kbira, Valletta, Danny Cremona, Ġużé Cristoforo, San Pietru, Nardu Ellul, Ta' l-Iblieq, Karlu Darmanin, San Remiġ, il-Fieres, San Ġużepp, San Benedittu and Misraħ Ħal Kirkop.

Nhar il-Ħamis, il-5 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Misraħ San Leonardu, Misraħ Ħal Kirkop, Santu Rokku, San Nikola, il-Lewżiet, l-Infanterija, l-Artillerija, l-Aħfar, id-29 ta' Mejju 1592, id-9 ta' April 1942, G. Cassar, il-Militar, iż-Żebbiegħ u San Benedittu.

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, San Leonardu, San Benedittu, San Ġużepp, il-Fieres, Karlu Darmanin, San Pietru, Santu Rokku, il-Kbira, Mons. Barbara u Misraħ Ħal Kirkop.

Nhar is-Sibt, is-7 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Parroċċa, Misraħ San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, San Ġużepp, San Benedittu, Misraħ Ħal Kirkop u Santu Rokku.

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju 2007 minn nofsinhar sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Santu Rokku, San Benedittu, San Ġużepp, San Pietru, Valletta, San Nikola, in-Nejder, il-Kbira, Misraħ San Leonardu, Misraħ Ħal Kirkop u l-Parroċċa.

Minn nhar it-Tlieta, is-26 ta' Ġunju 2007 sa nhar il-Ħamis, it-12 ta' Lulju 2007 mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, il-Kbira, Misraħ San Leonardu, il-Parroċċa u parti minn San Benedittu.

Vetturi li jinsabu pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Fleur De Lys - Birkirkara

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Lulju 2007 mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Fleur De Lys, Trejqet Fleur De Lys, Borg, A. Cuschieri u Sant'Antnin.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-data msemmija huwa pprojbit, u għalhekk jiġu rmunkati.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' Lulju 2007 mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, it-Tliet Knejjes, il-Providenza, l-Idmejda, Sisner, San Valentino u Santa Marija.

Vetturi pparkjati fit-toroq imsemmija hawn fuq fil-ħin u d-data msemmija huwa pprojbit, u dawk misjuba f'dawn it-toroq jiġu rmunkati.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

On Thursday, 5th July 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, Misraħ San Leonardu, Misraħ Ħal Kirkop, Santu Rokku, San Nikola, il-Lewżiet, l-Infanterija, l-Artillerija, l-Aħfar, id-29 ta' Mejju 1592, id-9 ta' April 1942, G. Cassar, il-Militar, iż-Żebbiegħ and San Benedittu.

On Friday, 6th July 2007 from 7.30 p.m. to midnight through the following streets: il-Parroċċa, San Leonardu, San Benedittu, San Ġużepp, il-Fieres, Karlu Darmanin, San Pietru, Santu Rokku, il-Kbira, Mons. Barbara and Misraħ Ħal Kirkop.

On Saturday, 7th July 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Parroċċa, Misraħ San Leonardu, il-Kbira, Valletta, San Pietru, San Ġużepp, San Benedittu, Misraħ Ħal Kirkop and Santu Rokku.

On Sunday, 8th July 2007 from noon to midnight through the following streets: Santu Rokku, San Benedittu, San Ġużepp, San Pietru, Valletta, San Nikola, in-Nejder, il-Kbira, Misraħ San Leonardu, Misraħ Ħal Kirkop and il-Parroċċa.

From Tuesday, 26th June 2007 till Thursday, 12th July 2007 the following streets will be closed for traffic: San Ġużepp, il-Kbira, Misraħ San Leonardu, il-Parroċċa and part of San Benedittu.

Vehicles found parked at the above mentioned streets are subject to towing.

Fleur De Lys - Birkirkara

On Sunday, 1st July 2007 from 4.00 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: Fleur De Lys, Fleur De Lys Junction, Borg, A. Cuschieri and Sant'Antnin.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

Balzan

On Sunday, 8th July 2007 from 5.00 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, it-Tliet Knejjes, il-Providenza, l-Idmejda, Sisner, San Valentino and Santa Marija.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed away.

19th June, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 28 ta' l-2007

Sfida għal Għawma fil-Baħar Miftuħ, Tas-Sliema
L-Erbgħa, 27 ta' Ġunju 2007

Il-Birkirkara St Joseph Sports Club se jorganizza Sfida għal Għawma fil-Baħar Miftuħ, Tas-Sliema, nhar l-Erbgħa, 27 ta' Ġunju 2007

Dan l-avveniment se jibda mis-Sliema A.S.C. waterpolo pitch fis-6.30 p.m. minn ponta A u jkompli għal Baga B, wara għal Baga Ċ u lura għal Ponta A. It-tellieqa se tkun tikkonsisti f'żewġ dawriet kif imsemmi hawn fuq.

Pożizzjonijiet *Positions*	*Latitude* (T) *Latitude (N)*	*Longitude* (L) *Longitude (E)*
A	35°54'.817	14°30'.487
B	35°54'.689	14°30'.636
C	35°54'.833	14°30'.732

Il-baħħara huma avżati biex ma jmorrux fl-inħawi waqt il-ħinijiet stipulati u biex iżommu 'l bogħod minnhom.

Chart affettwata: BA 177, 2538.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq l-indirizz:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Id-19 ta' Ġunju, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 28 of 2007

Sliema Open Sea Swimming Challenge
Wednesday, 27th June 2007

Birkirkara St Joseph Sports Club will be organizing an Open Sea Swimming Challenge on Wednesday, 27th June 2007.

This event will start from the Sliema A.S.C. waterpolo pitch at 6.30 p.m. from point A and will proceed across to buoy B, then to buoy C and return to point A. The race will consist of two laps of the above.

	Latitude (T) *Latitude (N)*	*Longitude* (L) *Longitude (E)*
A	35°54'.817	14°30'.487
B	35°54'.689	14°30'.636
C	35°54'.833	14°30'.732

Mariners are advised to keep clear of the area during the stipulated time and give the above area a wide berth.

Charts affected: BA 177, 2538.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

19th June, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 29 ta' l-2007

Survey Marittima bejn il-Qawra Pembroke

B'żieda ma' l-Avviż lill-Baħħara Nru 25 ta' l-2007 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, ngħarrfu lill-baħħara kollha li b'seħħ immedjat l-Ecoserv Ltd se tmexxi s-*survey* imsemmi fl-Avviż lill-Baħħara Nru. 25 il-ġimgħa kollha inklużi l-*weekends* għal perjodu ta' 30 jum.

B'żieda ma' dan *special mark light buoy* isfar se jitqiegħed għal madwar 30 jum f'dawn l-inħawi.

Pożizzjoni *Position*	*Latitude* (T) *Latitude (N)*	*Longitude* (L) *Longitude (E)*
A	35°56'.887	14°27'.750
B	35°56'.887	14°27'.833
C	35°56'.833	14°27'.833
D	35°56'.833	14°27'.750

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 29 of 2007

Marine Survey between Qawra and Pembroke

Further to Notice to Mariners No. 25 of 2007 of the Malta Maritime Authority, all mariners are to note that with immediate effect Ecoserv Ltd. will be conducting the survey mentioned in Notice to Mariners No. 25 all through the week and including the weekends for a period of 30 days.

Further more a special mark yellow buoy will be placed for about 30 days in the following area.

Il-karatteristiċi tat-teptip tad-dawl tal-baga temporanja huma Grupp 5 Sofor kull 20 sekonda. Jekk it-temp jippermetti, il-baga bid-dawl tista' titqiegħed bejn it-18 u t-22 ta' Ġunju 2007 u se tibqa' hemm għal tletin jum. Wieħed għandu jżomm 'il bogħod minn dawn l-inħawi u ħadd ma jista' jistad fihom.

Il-baħħara huma avżati joqogħdu attenti u jbaħħru bil-mod meta jkunu qrib l-inħawi msemmija fid-dati msemmija. Huma għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (VTS).

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Chart affettwata: BA *Chart* 2538, 2537, 194.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 30 ta' l-2007

Korrezzjoni ta' Chart

B'riferenza għall-BA Chart 211 E, il-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex,

Daħħal

East Cardinal Light Buoy iteptep tliet darbiet kull 15-il sekonda fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
36°04'.496	14°15'.557

Chart affettwata: BA *Chart* 211, 2537.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 31 ta' l-2007

Challenge Shield għal Taħt it-18

Il-Grupp Nazzjonali tar-Regatta se jorganizza serje ta' żewġ (2) Regatti biex isiru fil-Port il-Kbir.

Ir-regatti se jsiru fil-jiem li ġejjin fil-Bajja tar-Rinella, il-Kalkara, mid-9.00 a.m. sal-11.00 a.m. nhar

Il-Ħadd, l-1 ta' Lulju, 2007
Il-Ħadd, il-15 ta' Lulju, 2007

Skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) u l-Artikolu 6 tar-Regolamenti ta' l-

The flashing characteristics of the temporary light buoy are Group 5 yellow every 20 seconds. Weather permitting the light buoy may be placed between the 18th and 22nd June 2007 and will remain in position for 30 days. The above area is to be avoided and no fishing activities are allowed within.

Mariners are advised to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the stipulated area on the mentioned dates and to give a wide berth. They are to obey instructions as given out by Valletta Port Control (VTS).

Positions referred to WGS 84 DATUM.

Chart affected: BA Chart 2538, 2537, 194.

19th June, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 30 of 2007

Chart Correction

With reference to BA Chart 211 E, Marsalforn Bay, Gozo,

Insert

East Cardinal Light Buoy Flashing 3 every 15 seconds in position

Latitude (N)	Longitude (E)
36°04'.496	14°15'.557

Chart affected: BA Chart 211, 2537.

19th June, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 31 of 2007

Under 18 Challenge Shield

The National Regatta Group will be organising a series of two (2) Regattas to take place in the Grand Harbour.

The regattas will be held on the following days at Rinella Bay, Kalkara, from 9.00 a.m. to 11.00 a.m. on:

Sunday, 1st July, 2007
Sunday, 15th July, 2007

In terms of Section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) and Section 6 of the Ports Regulations, 1966, the

1966 dwar il-Portijiet, se jsiru dawn l-arranġamenti li ġejjin għat-tbaħħir tal-bastimenti fil-Port il-Kbir fid-dati u l-ħinijiet imsemmija aktar qabel.

Se jitqiegħdu erba' bagi biex jimmarkaw l-inħawi meta tibda kull tellieqa. L-ebda inġenji tal-baħar ma jitallew jidħlu jew joħorġu mill-inħawi msemmija kemm-il darba ma jkollhomx permess speċjali li jinħareġ mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet). Il-bagi jitneħħew meta tintemm kull tellieqa.

Il-pożizzjonijiet tal-bagi se jkunu kif ġejjin:

Pożizzjonijiet	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	35°53'.590	14°31'.620
B	35°53'.615	14°31'.642
C	35°53'.815	14°31'.375
D	35°53'.795	14°31'.350

Il-baħħara huma avżati biex jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (VTS) u mill-*patrol boats* qrib fejn se jsiru t-tlielaq.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM.

Wieħed jista' jara partijiet miċ-*chart* BA Chart 177 fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq l-indirizz:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Id-19 ta' Ġunju, 2007

following arrangements will be made for shipping traffic in the Grand Harbour on the dates and times mentioned above.

Four (4) buoys will be laid to delineate the area at the starting time of each race. No craft will be allowed to enter or leave the designated area unless by special permission issued by the Executive Director (Ports). The buoys will be removed at the end of each race.

The positions of the buoys will be as follows:

Positions	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35°53'.590	14°31'.620
B	35°53'.615	14°31'.642
C	35°53'.815	14°31'.375
D	35°53'.795	14°31'.350

Mariners are advised to obey instructions given by the Valletta Port Control (VTS) and by patrol boats in the vicinity of the races.

The positions are referred to WGS 84 DATUM.

Parts of BA Chart 177 may be viewed at Malta Maritime Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

19th June, 2007

EUROPEAN UNION

The European Aviation Safety Agency
Vacancy Notices for Temporary Agents

The European Aviation Safety Agency has published the following notices to fill vacancies for Temporary/Contract Agents:

EASA/AD/2007/029 TA - Large Aeroplane Project Certification Manager (F/M).
(http://www.easa.europa.eu/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 029.pdf).
Closing Date: 16/07/2007

EASA/AD/2007/024 TA - General Aviation Permit to Fly Coordinator and Project Certification Manager (F/M).
(http://www.easa.europa.eu/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 024.pdf).
Closing Date: 16/07/2007

EASA/AD/2007/030 TA - Software and Complex Electronic Hardware Certification Expert (F/M).
(http://www.easa.europa.eu/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 030.pdf).
Closing Date: 16/07/2007

EASA/AD/2007/028 TA - IT Project Manager (F/M).
(http://www.easa.europa.eu/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 028.pdf).
Closing Date: 16/07/2007

EASA/AD/2007/022 TA - Large Aeroplane Permit to Fly Coordinator and Project Certification Manager (F/M).

(http://www.easa.europa.eu/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 022.pdf).
Closing Date: 16/07/2007

EASA/AD/2007/023 TA - Rotorcraft Permit to Fly Coordinator and Project Certification Manager (FM).
(http://www.easa.europa.eu/doc/Recruitment/EASA - AD - 2007 - 023.pdf).
Closing Date: 16/07/2007

For applications to be valid, the candidates must submit in a single A4-sized envelope one (1) original and four (4) copies of all the following documents:

a completed EASA application form;
a motivation letter of no more than one page, preferably typed, explaining why the candidate is interested in the post and what her/his added value would be to the Agency if selected.

Candidates are strongly advised to send their applications by registered mail. Applications delivered via email will not be accepted. These documents are available on the following website: http://www.easa.eu.int/career_opp_en.html

Applications must be sent not later than the dates specified above. Please note that in order to be considered, the applications received are required to be dispatched within the deadline; the postmark date will serve as a proof. Applications are to be sent to:

For Mail and registered mail:
European Aviation Safety Agency
Human Resources - Recruitment Sector
(Reference of Vacancy)
Postfach 10 12 53
D-50452 Cologne, Germany

For Courier and parcel delivery:
European Aviation Safety Agency
Human Resources - Recruitment Sector
(Reference of Vacancy)
Ottoplatz 1
D-50679 Cologne, Germany

HR Systems and Data Management Department
Management and Personnel Office
Office of the Prime Minister
Auberge de Castille

19th June, 2007

EUROPEAN DEFENCE AGENCY (EDA)

Vacancy notice for Media and Communication Assistant - EDA/C/2007/008a
Contract Staff

The European Defence Agency is inviting applications to fill a vacancy for the post of Media and Communication Assistant in the Directorate/Unit: Media and Communication Unit (FG IV).

Details on salaries, allowances and conditions of employment will be in accordance with Staff Regulations of the European Defence Agency (2004/676/EC). Further information concerning this vacancy may be found on the website of the Agency at: http://www.eda.europa.eu/vacancies.aspx

The candidates must submit their applications in 1 original and 3 copies using the Agency application form and posting them in a simple A4 format envelope, by not later than the 22 June 2007, to:

Ref.: EDA/A/2007/008a

Philippe ZINOPOULOS
Head of Human Resources of
European Defence Agency
Rue des Drapiers, 17-23
B-1050 Brussels

For any enquiry please send a fax or e-mail to: Fax: 0032 2 504 29 75, e-mail: philippe.zinopoulos@eda.europa.eu

HR Systems and Data Management Department
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Auberge de Castille

19th June, 2007

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post Akkademiku fil-
Library and Information Studies
Diviżjoni tal-*Library and Information Studies*
(Ċentru tat-Teknoloġija fil-Komunikazzjoni)

Il-kandidat magħżul ikun jinħtieġ li jagħti kontribut fit-tagħlim, riċerka u f'attivitajiet oħra fil-diviżjoni tal-*Library and Information Studies*, u jwettaq xogħlijiet oħra kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Il-kandidati għandu jkollhom *first degree* tajba, u *diploma* fil-*Library and Information Studies* jew ekwivalenti, u esperjenza relevanti u adekwat fil-librerija u xogħol informattiv.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għal ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkustanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li l-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat Lm11,383 (€26,515)
Lettur Anzjan Lm10,379 (€24,177)
Lettur Lm8,744 (€20,368) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm9,344 (€21,766)
Assistent Lettur Lm8,007 (€18,651) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm8,607 (€20,049)

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju 2007.

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Library and Information Studies
Division of Library and Information Studies
(Centre for Communication Technology)

The appointee will be required to participate in the teaching, research and other activities of the Division of Library and Information Studies and to fulfil other duties as may be required by the University.

2. Applicants should be in possession of a good first degree, a diploma in Library and Information Studies or equivalent, and adequate, relevant experience in library and information work.

3. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are applicants who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries attached to the respective grades are:

Associate Professor Lm11,383 (€26,515)
Senior Lecturer Lm10,379 (€24,177)
Lecturer Lm8,744 (€20,368) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm9,344 (€21,766)

Assistant Lecturer Lm8,007 (€18,651) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm8,607 (€20,049).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 06

Applications should be received by noon of Friday, 6th July 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fil-Lingwi Moderni bi Speċjalizzazzjoni fit-Tagħlim tal-Franċiż

Il-persuna magħżula trid tieħu sehem fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fil-qasam tal-Lingwi Moderni bi speċjalizzazzjoni fit-tagħlim tal-Franċiż, fid-Dipartiment ta' l-Arti u l-Lingwi fl-Edukazzjoni fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Il-kandidati jrid ikollhom *degree postgraduate* fl-edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fit-tagħlim tal-Franċiż, u jkunu għamlu riċerka fuq xi aspetti tal-Pedagoġija tal-Franċiż fil-livell Sekondarju. Esperjenza relevanti fit-tagħlim fi ħdan is-sistema edukattiva Maltija hija meħtieġa.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għal ħatra f'dawn il-gradi. F'ċirkustanzi eċċezzjonali biss, kandidat jista' jiġi kkunsidrat għall-ħatra ta' Professur. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li l-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat Lm11,383 (€26,515)
Lettur Anzjan Lm10,379 (€24,177)
Lettur Lm8,744 (€20,368) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm9,344 (€21,766)
Assistent Lettur Lm8,007 (€18,651) li jiżdied b'*increments* ta' Lm200 (€466) fis-sena għal Lm8,607 (€20,049)

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lill-

Uffiċċju tar-Riżorsi Umani
Kamru 216, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

19th June, 2007

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Modern Languages with Specialisation in the Teaching of French

The appointee will be required to contribute to the teaching, research and other activities in the field of Modern Languages with specialisation in the Teaching of French, in the Department of Arts and Languages in Education of the Faculty of Education, and as may be required by the University.

2. It is essential that candidates have a postgraduate degree in education with specialisation in the teaching of French, and that they have conducted research on some aspect of French Pedagogy at Secondary level. Relevant teaching experience within the Maltese educational system is required.

3. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are applicants who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries attached to the respective grades are:

Associate Professor Lm11,383 (€26,515)
Senior Lecturer Lm10,379 (€24,177)
Lecturer Lm8,744 (€20,368) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm9,344 (€21,766)

Assistant Lecturer Lm8,007 (€18,651) rising by annual increments of Lm200 (€466) to Lm8,607 (€20,049).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:

Office of Human Resources
Room 216, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju 2007.

Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* http://home.um.edu.mt/hr/index2.html

Id-19 ta' Ġunju, 2007

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Impieg ta' *Supply Kindergarten Assistants* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex jaħdmu fil-Klassijiet tal-Kindergarten

B'riferenza għas-sejħa għall-applikazzjonijiet imsemmija hawn fuq, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Ġunju, 2007, f'paġna 5345, ngħarrfu illi l-paragrafu 8 għandu jkun kif ġej:

8. L-applikanti għandu jkollhom ukoll Livell Ordinarju Secondary Education Certificate (Grad 1-5) jew kwalifika komparabbli fil-lingwa Maltija, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika.

B'żieda ma' dan, ngħarrfu wkoll illi d-data ta' l-għeluq ta' meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet ġiet estiża sal-Ħamis 28 ta' Ġunju, 2007

Id-19 ta' Ġunju, 2007

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' Reġistratur (Anestesija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Id-19 ta' Ġunju, 2007

Applications should be received by noon of Friday, 6th July 2007.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from the website: http://home.um.edu.mt/hr/index2.html.

19th June, 2007

EDUCATION DIVISION

Employment of Supply Kindergarten Assistants in the Education Division to Perform Duties in Kindergarten Classes

With reference to the call for the above-mentioned call for applications published in the Government Gazette dated 1st June 2007 on page 5345, it is notified that paragraph 8 should read as follows:

8. Applicants must also be in possession of an Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 - 5) or equivalent in Maltese, English Language and Mathematics.

Furthermore, it is also notified that the closing date for the receipt of applications has been extended up to the 28th June, 2007.

19th June, 2007

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Registrar (Anaesthesia) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned post may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

19th June, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-*Edexcel London*
Jannar 2007

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ċ-ċertifikati ta' l-eżamijiet imsemmija hawn fuq issa waslu u jistgħu jinġabru kif ġej:-

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:-
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
Ir-Rabat,
Għawdex

Importanti

